MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. NEVILLE CAMILLERI

Seduta tas-26 ta' Frar, 2014

Numru. 110/2013

**Il-Pulizija**

**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs.**

**Damian Darmanin**

Numru 110/13

Illum 26 ta' Frar 2014

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat **Damian Darmanin**, ta' sebgha u ghoxrin (27) sena, iben Charles u Sandrina neé England, imwieled Firenze fl-Italja, nhar it-2 ta' Jannar 1984, residenti Spinola Crt, St. George's Park, Flat Nru. 2, Triq San Gorg, San Giljan, Malta u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 111985(M), akkuzat talli fil-lejl ta' bejn id-9 u l-10 ta' Frar 2013 gewwa diversi postijiet f'dawn il-Gzejjer, f'hinijiet differenti:

1. kellu fil-pussess tieghu droga ristretta u psikotropika (*ecstasy*), kontenenti, is-sustanza (*methlenedioxyamphetamine*) li hija kkontrollata u ristretta bil-ligi taht it-Tielet Skeda, Parti (a) tal-Ordinanza Dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kellu l-ebda awtorizazzjoni u permess bl-imsemmija ligi, sabiex ikun fil-pussess tal-imsemmija sustanza.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skont il-ligi tordna lill-imputat iħallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat l-ordni tal-Avukat Generali *ai termini* tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta).

Semghet, waqt is-seduta tallum, lill-imputat jammetti l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u semghetu jikkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u din ghalhekk hija sodisfacentement pruvata.

Illi, meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tiehu in kunsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tar-reat addebitat lill-imputat, l-ammissjoni bikrija tieghu, l-istqarrija rilaxxata minnu, u l-fedina penali (Dok. "B") tieghu.

Ghaldaqstant il-Qorti, wara li rat Regolament 3(1) tal-Avviz Legali 22 tas-sena 1985, kif ukoll Artikoli 40A, 120A(1)(a), 120A(2)(b)(ii) u Taqsima A tat-Tielet Skeda tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat Damian Darmanin hati tal-imputazzjoni migjuba kontra tieghu izda fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jikkommettiex reat iehor fi zmien sena mil-lum.

Il-Qorti twissi lill-hati bil-konsegwenzi skont il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perijodu ta' liberta' kundizzjonata.

Il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga ezebita u mmarkata bhala Dok. "G" taħt il-ħarsien tar-Registratur.

Finalment, il-Qorti tichad it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex l-imputat jigi ordnat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet

ta' Malta *stante* li ma gewx imqabbda l-ebda esperti f'dawn il-proceduri.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------